MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 321/2006

**L-Avukat Dottor Carlo Bisazza bhala mandatarju specjali ta` Mario Baldacchino Kerr sive Lydie Banot**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li fih eppremetta illi:

1. Ir-rikorrent twieled fit-22 ta` Settembru, 1954, u gie rregistrat fl-Att ta` Twelid bl-isem ta` Mario Baldacchino Kerr, ta` sess maskili, kif jirrisulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘A’.

2. Huwa minn ckunitu hass ruhu ta` personalita` u attitudinijiet femminili, u agixxa, kemm psikologikament kif

ukoll esternament, skond l-orjentament tieghu, u cioe`, dak femminili;

3. Sabiex il-persuna fizika tieghu ma tkunx in konflitt mal-personalita` tieghu, huwa ssottometta ruhu ghall-intervent kirurgiku maghruf bhala, *"gender reassignment",* rizultanti f`bidla rriversibbli u permanenti fis-sess tieghu b`mod li illum huwa fizikament mara (Dokument B, C u D);

4. Il-fatt li l-istat civili tieghu ta` ragel ma jikkorrispondiex ghar-realta` tal-personalita` u l-aspett fiziku tieghu, jikkawzalu hafna problemi prattici, emozzjonali u giuridici; u f`dan ir-rigward l-esponent ghamel talba ta` korrezzjoni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, liema talba giet michuda.

Talab lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-attur issottometta ruhu ghall-bidla rriversibli u ta` natura permanenti fis-sess tieghu, b`mod li illum huwa fizikament mara.

2. Tordna lill-konvenut jaghmel l-annotazzjonijiet necessarji fuq ic-certifikat tat-twelit ta` l-attur rigward il-partikolarijiet dwar is-sess li gie assenjat lilu fl-att tat-twelid, u cioe` li jkun registrat bhala persuna ta` sess femminili, u dan ai termini ta` l-Art. 257A – 257C tal-Kap. 16.

3. Tordna wkoll lill-konvenut jaghmel l-annotazzjoni necessarja fl-istess certifikat tat-twelid sabiex l-isem ta` l-attur jidher bhala Lydie minflok Mario, u dan ai termini ta` l-Art. 257B tal-Kap. 16.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut li fiha ecepixxa illi:

1. Preliminarjament l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat ai termini ta` l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent joggezzjona ghat-talbiet dedotti fir-rikors guramentat stante li ma jirrizultax li r-rikorrent hu domiciljat hawn Malta u ghalhekk r-rekwiziti ta` l-Artikolu 257A tal-Kap. 16 mhumiex sodisfatti fl-intier taghhom. Fil-fatt jirrizulta mid-dokument datat 12 ta` Jannar, 1992 ipprezentat mar-rikors odjern li r-rikorrent li illum ghandu 52 telaq minn Malta meta kellu 18 il-sena u ghalhekk ma jistax ikun domiciljat hawn Malta. Inoltre, jirrizulta li fir-Registru Pubbliku ta` Malta l-unika certifikat irregistrat huwa l-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru progressive ta` iskrizzjoni 7839 tas-sena 1954. Inoltre, ma jirrizultax li hemm Att taz-Zwieg irregistrat bl-annotazzjoni li r-rikorrent iddivorzja, liema divorzju hemm accenn ghalih fic-certifikat tal-Konulent Psikjatra Dr. Russell W. Reid datat 12 ta` Jannar, 1992.

3. Ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-esponent li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu x`jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni.

Ikkunsidrat illi din hija kawza fejn ir-rikorrent qieghed jitlob li jsiru l-annotazzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tieghu sabiex dan juri li s-sess tieghu issa gie mibdul ghal dan femminili, u dan b`mod irriversibbli.

Il-ligi tipprovdi ghal din is-sitwazzjoni permezz tal-Art. 257A tal-Kap. 16 li testwalment mal-ewwel jipprovdi illi:

**"257A.** (1) Kull persuna mhux mizzewga li jkollha d-domicilju taghha f`Malta tista` taghmel azzjoni gudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu gew assenjati lilu jew lilha fl-att ta` twelid.

(2) Qabel taghti s-sentenza taghha, il-Qorti ghandha tinnomina periti biex jivverifikaw jekk il-persuna li tkun ghamlet l-azzjoni gudizzjarja tkunx, fil-fatt, ghaddiet minn bidla irriversibbli ta` sess li ma jkunx dak indikat fl-att ta` twelid jew inkella jew kenitx dejjem tappartjeni ghal dak is-sess l-iehor.

(3) Kull azzjoni gudizzjarja ghandha ssir b`rikors guramentat kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili, jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) skond il-kaz.

(4) Id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ghandhom ikunu japplikaw ghal atti tat-twelid barranin registrati f`Malta.

(5) L-ispejjez kollha li jkollhom x`jaqsmu ma` dik il-litigazzjoni inkluzi dawk li jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu mill-attur.

Wiehed jenfasizza mal-ewwel li l-ligi toffri dan ir-rimedju that zewg kundizzjonijiet. L-ewwel kundizzjoni hija li persuna ma tkunx mizzewga. It-tieni kundizzjoni hija li l-persuna li taghmel it-talba jkollha d-domicilju taghha f`Malta.

Qabel ma wiehed jghaddi biex jifli jekk ir-rikorrent odjern jissodisfax dawn iz-zewg kundizzjonijiet ikun ghaqli li wiehed isemmi l-fatti. Ir-rikorrenti tal-hajja tar-rikorrent. Ir-

rikorrent twieled Malta fit-22 ta` Settembru, 1954, u gie registrat bhala Mario Baldacchino Kerr ta` sess Maskili. Minn ckunitu ir-rikorrenti hass u assuma attitudnijiet femminili. Sahansitra ommu stess, kienet tlibbsu ta` tifla u tikkunsidrah bhala tifla. Meta kellu tmintax il-sena mar jghix fl-Ingilterra. Meta kellu sebgha u tletin sena beda t-trattament ormonali mehtiega sabiex ihejji ruhu ghall-kirurgija biex jaqleb is-sess. Fil-fatt fil-1993 gie operat ghal *"gender reassignment"*. Dan kollu wassal biex, kif jghix hu, l-bidla tas-sess tieghu saret irriversibbli.

Issa qieghed jitlob li l-Att tat-Twelid tieghu jsirulu l-annotazzjonijiet konformi ma dan l-istat fiziku tieghu.

L-Avukat Generali f`din il-kawza qieghed jeccepixxi li, ma jirrizultax illi r-rikorrent huwa domiciljat hawn Malta u ghalhekk ma jissodisfax ir-rekwiziti imposti mill-ligi sabiex kawza ta` din in-natura tirnexxi.

Huwa principju fondamentali tad-Dritt Internazzjonali Privat illi kull persuna ghandha dak li jissejjah *"domicile of origin",* liema domicilju huwa necessarjament konness mac-cirkostanzi tat-twilid tal-persuna u, persuna jista` possibilment ikollha *"domicile of choice"*.

M`huwiex kontestat illi r-rikorrent twielet Malta minn geniture Maltin u trabba Malta. Ghaldaqstant, m`hemm ebda dubbju li d-*domicile of origin* tieghu huwa Malta.

Sussegwentement ir-rikorrent mar jghix l-Ingilterra u baqa` hemm sal-lum. Dan il-fatt huwa l-bazi tal-oppozizzjoni li qieghed jaghmel l-intimat. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku qed jikkontendi li l-fatt li r-rikorrent baqa` joqghod l-Ingilterra igib mieghu bdil ta` domicilju.

Fil-fehma tal-Qorti il-problema m`huwiex ta` rizoluzzjoni facli daqshekk. Huwa ben stabbilit illi bdil fir-residenza ta` bniedem ma jimpurtax necessarjament il-bdil fid-domicilju tal-persuna koncernata. Il-bdil minn *"domicile of origin"* ghal *"domicile of choice"* jiddependi necessarjament fuq zewg fatturi.

1. Il-fatt fiziku tar-residenza, li jista` jigi stabbilit bla diffikulta`.

2. L-intenzjoni tal-persuna li tali residenza tkun permanenti.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghal dak li qal Lord Macmillan fil-kaz Ramsay vs Liverpool Royal Infirmary fl-1930 kif kwotat minn R.H. Graveson *"Conflict of Laws"*.

*"Prolonged actual residence is an important item of evidence of such volition, but it must be supplemented by other facts and circumstances indicative of intention. The residence must answer a qualitative as well as a quantitative test".*

L-istess awtur jikkwota ukoll lil Jenkins L.j. fil-kaz Travers vs Holley (1953) fejn dan jinsisti.

*"Change of domicile, particularly where the change is from domicile of origin to a domicile of choice (as distinct from a change of one domicile of choice to another) has always been regarded as a serious step which is only to be imputed to a person upon clear and unequivocal evidence"*.

Fil-kaz in ezami, ghalkemm huwa maghruf li r-rikorrent jghix l-Ingilterra ma ngiebet ebda prova li tista` tissodisfa l-Qorti li r-rikorrent m`ghandu ebda intenzjoni jerga` jigi lura Malta. Ghalhekk il-Qorti m`hijiex sodisfatta li jezistu z-zewg cirkostanti ghall-bdil tad-domicilju.

Madanakollu, il-Qorti hawnhekk tirreferi ghad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea Nru: 44/2001 senjatament Art. 22(3) li jipprovdi li fi proceduri li jinvolvu registri pubblici mizmuma fi stat membru tal-Unjoni ikollhom gurisdizzjoni esklussiva l-Qrati ta` dak l-istat membru.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat b`dan illi tirrizerva li tipprovdi fir-rigward taz-zwieg tar-rikorrent fis-sentenza

finali. Il-Qorti tordna li l-kawza tibqa` tinstema` regolarment.

Il-Qorti tirrizerva li tipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------